# Il-Bolla Kruċjata

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Ikompli mill-ħarġa ta' Ġunju, 1950)*

## II

WARA li ħelsu mill-qodma li fadlilhom, reġgħu bdew jistampaw ta' kull sena bl-eluf, billi għall-1760 saru 19,460. Terġa', maż-żmien, il-għadd tal-Bolol kotor bil-qabda. Ġie li qabżu xi ftit 'il fuq minn 44,000 waħda. Fl-1781 għamlu 51,960. Iżda dan kien ta' darba biss. Mill-bqija qatt ma laħqu l-45,000.

Man-nefqa li kellu d-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata, tgħabba wkoll, mill-1756 'il quddiem, b'dik l-oħra ta' l-Istamperija ta' l-Ordni. Tassew li din kienet iddaħħal xi flus mill-ħidma li ssir fiha, iżda dawn, tista' tgħid, qatt ma laħħqu mal-ħtieġa tal-ħruġ għaż-żamma tagħha. Mhux biss għax dan beda jistampa b'xejn il-Bolla Kruċjata u kull ħaġa oħra tal-Gvern ta' l-Ordni, imma minħabba wkoll li l-Gran Mastri, biex jagħmlu l-qalb lill-kittieba, kemm-il darba stampaw b'xejn ix-xogħol ta' dawn, bħalma beħsiebna nuru fil-kitba tagħna, taħt l-isem ta' "l-Istampa f'Malta". Fuq hekk, l-imsemmi Dipartiment kellu jagħmel tajjeb u joħroġ il-flus hu għal dak kollu li jinqala'.

Billi mat-twaqqif hawn ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, din marret taħt il-ħsieb tat-Teżorier tal-Bolla Kruċjata, lil dan, maż-żmin kotorlu ħafna x-xogħol. Għal din iż-żieda fil-ħidma tiegħu, mill-1779 bdew jagħtuh 200 skud fis-sena, flok il-50 li kellu qabel. Terġa', fl-1788, għamluhomlu 240. Ukoll lill-iskrivan bl-isem ta' Kanċellier, il-ħlas tiegħu żiduhulu sa 80 skud.

Minn meta bdiet il-Bolla Kruċjata fl-1744 sa kemm waslu biex għalqu l-kontijiet f'Jannar ta' l-1785, insibu li daħħlu b'kollox minnha 254,431 skud, 6 rbajja' u 9 ħabbiet. Il-kotra l-kbira ta' dawn il-flus, wara li qatgħu l-infiq li sar għall-ħtieġa tad-Dipartiment, marru biex jitħallsu n-nies ta' fuq ix-xwieni ta' l-Ordni.

Iżda, waqt li fetħu l-kaxxa biex saru l-kontijiet li semmejna, sabu nuqqas ta' ma' dwar 459 skud. Wara li flew sewwa l-biċċa, intebħu li l-ħtija ta' dan kollu huma xi Bandi li ħarġu, u li minnhom inzerta kellhom ħafna fil-kaxxa, fiż-żmien li xxanbiex naqqsu s-siwi ta' xi għamliet ta' flus li kienu jimxu f'Malta, dru l-imsemmija Liġijiet.

L-aħħar kont li sibna fil-kotba tal-Bolla Kruċjata, kien dak li sar sa l-aħħar ta' Diċembru, 1796. Minnu nieħdu li waslu li jsiru 38 priedka ta' kull sena f'Malta u Għawdex, barra oħra li tingħamel fil-Kattidral ta' l-Imdina. Ta' l-ewwel, bħalma għidna iżjed lura, kienu jieħdu żewġ skudi l-waħda. Iżda, għal dik tal-Kattidral, flok flus, jagħtuh xi kafè nej. Fl-1796, ħa erbat irtal, li swew 4 skudi.

Fis-sena li semmejna, lit-Teżorier għaddewlu 42,554 Bolla ħalli jieħu ħsieb it-tixrid tagħha. Is-siwi tagħhom kien ta' 14,968 skud. Minnhom baqgħu ma nbigħux 3,719, barra minn 317 oħra li qassmu b'xejn. Dawn kollha swew 1651 skud.

Mill-bejgħ tal-Bolli, daħlu 13,317-il skud. U mill-istamperija ta' l-Ordni, minn djun u ħwejjeġ żgħar oħra 1,224 skud, irbigħi u 12-il ħabba.

Għaż-żamma tad-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata u ta' l-istamperija ntefqu 1,980 skud, 8 rbajja', u 12-il ħabba.

Mill-flus li nġabru fil-kaxxa, għaddew lill-Konservatorija ta' l-Ordni, bejn l-24 ta' Frar, 1796, sas-7 ta' Settembru, 1797, il-għadd ta' 12,551 skud u 5 rbajja', ħlief dawn imorru għaż-żamma tax-xwieni u n-nies ta' fuqhom.

Wara dan li sememjna, ma sibna ebda kont ieħor, għalkemm il-Bolla Kruċjata baqgħet isseħħ sakemm dam isaltan hawn l-Ordni Ġerosolimitan. Għalhekk naħsbu li l-kotba l-oħra ntilfu u nqerdu.

Jerġa', meta ġew il-Franċiżi, u l-Maltin qamu għalihom, il-biċċa tal-Bolla Kruċjata reġgħet tqanqlet mill-ġdid. Iżda, did-darba min-naħa tar-Re ta' Sqallija, kif se ngħarrfu.

Fil-20 ta' Jannar, 1800, inżammet laqgħa tal-Kongress tal-Maltin, fejn ħadu sehem il-biċċa l-kbira tar-Rappreżentanti tar-Rħula flimkien mal-Gvernatur Ball. Dan għarrafhom, li waslitlu ittra mill-Prim Ministru ta' Sqallija, il-Prinċep ta' Luzzi. Fiha bagħat igħidlu li r-Re ta' Napli hu bil-ħsieb li jdaħħal il-Bolla Kruċjata f'Malta u Għawdex, li s-Saltna ta' Sqallija ma għandhiex. U biex il-flus li jidħlu mill-elemosina tagħha jibagħtuhom f'Palermu.

Wara li r-Rappreżentanti għarblu sewwa dak li qalilhom Ball, waslu biex raw li din il-ħaġa hi ta' ħafna toqol għall-Maltin, għax, fil-qagħda mwiegħra tagħhom, aktar jinsabu fil-ħtieġa ta' flus huma, milli jiġu mċaħħdin minn dawn. Għalhekk għad-

dew talba, f'idejn l-imsemmi Gvernatur, fejn fissru kollox x'inhu l-ħsieb tagħhom dwarha, biex din titwassal lir-Re ta' Sqalljia, bis-saħħa tal-Prinċep ta' Luzzi, f'isem il-ġens Malti.

Fiha qalu, li għalkemm hi ta' ħafna ġieh u kobor għalihom l-għotja li r-Re ta' Sqallija ried jagħmlilhom, billi jxandar il-Bolla Kruċjata f'dawn il-Gżejjer; iżda, minħabba l-qagħda kerha u ta' niket li tnisslet fit-Taqbida mal-Franċiżi—taqbida li kienet bosta magħrufa ma' l-Ewropa kollha — ir-Rappreżentanti tal-Maltin raw li jixraq ħafna li jitolbuh, bil-għajnuna tal-Gvernatur Ball, biex jogħġbu jħalli, għal żmien aktar li jaqbel, il-ħsieb tiegħu. U dan xtaqu jagħmlu għal li hawn taħt fissrulu.

Hadd ma jista' jgħid biżżejjed kemm inħaqru l-Maltin f'din it-taqtigħa. Wieħed ra u għadu jara, nies imxerrdin ma' l-irħula kollha. Xi wħud minnhom tkeċċew mill-ibliet, waqt li oħrajn, minħabba l-ġuħ, kellhom jitilqu minn rajhom, biex jeħilsu mill-aktar fis li jistgħu minn taħt il-kefrija tal-Gvern Franċiż, wara li tneżżgħu minn ġidhom kollu, billi kienu mġegħlin jagħtu flushom b'saħħa lir-Repubblika. Dawn ħallew djarhom u l-ħwienet tagħhom fl-ibliet. Ix-xbejbiet tkeċċew mill-Konservatorju, waqt li l-Bejjiegħa tfaqqru. L-isptarijiet, li mill-ġdid twaqqfu fl-irħula, jinsabu neqsin minn bosta ħwejjeġ meħtieġa għaż-żamma tal-morda fihom. Dana kollu juri x'għamla ta' faqar u għaks kbir hawn.

Għal dina l-mera, il-Maestà tiegħu għader hekk il-qagħda msejkna ta' dawn il-Gżejjer, li sa għoġbu jibgħat il-qmuħ, xgħir u flus, li mingħajrhom, bla ebda ħsieb ta' xejn, kien jonqos l-ikel meħtieġ. Minħabba dan, il-Maltin huma mgħakksin u mdejqin għall-aħħar bit-taqbida kiefra ta' mal-Franċiżi. Fuq hekk tidher li hija ħaġa tassew tal-ħaqq li wieħed iħalli għal żmien iżjed xieraq ix-xandir tal-Bolla Kruċjata għal dawn il-Gżejjer, biex ma jisfgħux ruħhom maħqurin aktar biha, għalkemm din hi taxxa żgħira u ta' ftit flus.

Terġa' b'daqshekk, il-Maltin mhumiex se jibqgħu mċaħħdin f'dis-sena, kif ukoll sakemm idum it-twegħir taf-taqbid, li ma jinqdewx kemm bil-lattiċini, kemm bil-laħam. Għax jekk il-Papa, fl-1797 u fl-1798, għoġbu jagħti lin-nies ta' dawn il-Gżejjer, li jistgħu jieklu mill-ħwejjeġ imsemmija, għal dik il-waħdanija ħaġa li ma kienx hawn ikel biżżejjed minn dak li jinħtieġ għall-jiem tas-sawm, issa, aktar minn qabel, u bil-ħaqq kollu, reġa' ta lilhom dina l-grazzja fil-qagħda mħarbta li jinsabu fiha. U dan

mhux biss imħabba n-nuqqas ta' ikel, imma wkoll, għax, tista' tgħid, in-nies kollha jinsabu taħt l-armi għat-tibġil u l-ħarsien tal-Gżira.

Iżda, kollox fuq kollox, l-aktar ta' min isemmi, hi dik li l-Isqof jinsab magħluq fil-Belt, taħt il-ħakma qawwija tal-Franċiżi. Ħtija ta' hekk ma jistgħux jitkellmu miegħu bil-ħlusija kollha, biex mingħandu jkunu jafu kif jaħsibha dwar dina l-biċċa. Għax hu xieraq ħafna, biex ma ngħidux li d-dmir hekk biss jitlob, li kemm-il-darba 'l quddiem tiġi mogħtija l-Bolla Kruċjata lil dawn il-Gżejjer, għandha tkun mibgħuta lill-Isqof, bħala Kap u Ragħaj tal-Knisja, milli lil xi ħaddieħor minn dawk li huma taħtu, billi Labini hu miżmum bl-akbar għożża mill-Maltin. Mhux biss għax fil-qagħda mwiegħra, neża' minn ġidu kollu, biex igħin lill-imgħakksin, imma wkoll fuq li tarraf u lagħab ħajtu għal bosta drabi ħalli jaqbeż għalihom.

Għal dawn il-ħwejjeġ li semmew, u għall-oħrajn li setgħu jżidu magħhom 'il quddiem, ir-Rappreżentanti tal-Maltin, bi ħsieb wieħed reġgħu ġeddu t-talba tagħhom lill-Gvernatur, ħalli dan, jekk jogħġbu, iwassalha lir-Re ta' Sqallija, bis-saħħa tal-Prinċep ta' Luzzi, biex ix-xandir tal-Bolla Kruċjata jħalliha għal darb'oħra, u għal dan jibqgħu jafuhulu.

U billi kien qed joqrob ir-Randan, l-imsemmija Rappreżentanti talbu lill-Vigarju ta' l-Isqof, il-Kantur Dun Salv Susano, biex jogħġbu jagħti, għall-Imdina u l-irħula, li jista' jittiekel kollox, bħalma hekk ukoll sar fis-sena ta' qabel (1).

Il-Gvernatur Ball, għat-talba tal-Maltin, fis-6 ta' Frar, 1880, kiteb ittra lill-Kavalier General Action, Ministru u Segretarju tas-Saltna ta' Sqallija. Fiha għarrfu, li meta l-Uditur Savoye u d-Deputati l-oħra tal-Maltin kienu jinsabu f'Palermu, il-Kbir u Ħanin Re, waqt li tkellem magħhom dwar li l-Bolla Kruċjata kellha tingħata lil dawn il-Gżejjer, bħalma wkoll ġiet mogħtija lil Sqallija, fisser ruħu u qalilhom, li l-qligħ li jifdal mid-dħul ta' l-elemożina tagħha, kellu jibqa' f'Malta, biex dan imur għall-fqar ta' hawn. Issa, il-Prinċep ta' Luzzi, fix-xahar li għadda, b'ittra tiegħu għarrfu li r-Re għoġbu jagħti kif fehmu. U li Mons. Arċisqof tas-Saltna ta' Sqallija, ħatar ukoll lil Dun Saver Cassar, Arċipriet ta' Għawdex, bħala Kummissarju ta' din il-Bolla.

Iżda, ir-Rappreżentanti tar-rħula raw li huwa dmir tagħ-

(1) Mss. Bibl. 1096.

hom li jagħmlu talba lil dana l-Prinċep, biex jaqelgħilhom minn għand il-Hanin Re, li dil-biċċa titħalla għal darb'oħra, minħabba l-għaks li fih jinsabu l-Maltin, flimkien man-nuqqas kbir, biex ma ngħidux għal kollox, ta' flus, li kellhom jaqgħu ħalli jieħdu l-ġid kollu tal-Knejjes.

Dil-ħaġa hi ħafifa ħafna li titwemmen, jekk wieħed iġib ftit quddiem għajnejh x'nefqiet kbar iżżejjed riedu jidħlu għalihom il-Maltin, flimkien mal-waqfa għal kollox tal-kummerċ — il-għajn waħdanija għad-dħul ta' ġid f'din il-Gżira.

U biex l-Eċċellenza tiegħu tkun tista' tieħu ħjiel sewwa ta' kem mil-Maltin riedu flus għan-nefqa meħtieġa ta' l-ikel tagħhom, bagħatlu wkoll tagħrif, meħud mill-kotba tad-Dwana, dwar b'kemm ħwejjeġ daħlu ma' tul ix-xahar ta' Jannar, 1800, u li meta dawn jinħlew, is-siwi tagħhom jitla' 347,998 skud.

B'dis-sewwa li għarrfu, il-Gvernatur Ball ittama li l-Eċċellenza tiegħu tkun trid li tindaħal biex tgħin titwettaq din ix-xewqa xierqa tal-Maltin, bla ma jinħtieġ it-talb kiebi tiegħu (2).

Fis-27 ta' Frar, 1800, Ball kiteb ittra oħra lill-Vigarju Susano, fejn ħeġġu biex ma jtawwalx aktar iż-żmien li jxandar il-Bolla, għaliex in-nies huma mixtiqin ħafna li jkunu jafu jekk jistgħux jieklu lattiċini jew le (3).

Għalkemm ir-Rappreżentanti tal-Maltin, flimkien mal-Gvernatur Ball, għamlu kemm setgħu biex iwaqqfu u jżommu l-indħil, min-naħa tar-Re ta' Sqallija, dwar it-tixrid tal-Bolla Kruċjata f'Malta, ma sewa xejn. Għax dan baqa' miexi fil-ħsieb tiegħu xorta waħda bħal qabel. Ukoll meta tkeċċew il-Franċiżi, u Malta bilkemm laħqet għaddiet f'idejn l-Ingliżi, li ma nerġgħux insibu dil-biċċa mqajma mill-ġdid, kif jidher minn ittra ta' l-Isqof Labini. Dan, fis-17 ta' Settembru, 1800, kiteb lill-Kardinal Ercole Consalvi, Segretarju ta' l-Istat tal-Papa. Fiha għarrfu, li l-Imħallef tas-Saltna ta' Sqallija (Mons. Arċisqof), hu bil-ħsieb li l-Bolla Kruċjata mogħtija lill-Art imsemmija, ixandarha wkoll għall-Gżira ta' Malta. Għax billi l-Papa ħatru bħala Kummissarju tagħha għal Sqallija u l-Gżjjer tal-qrib, dan deherlu li magħhom għandu jgħodd lil Malta wkoll.

Iżda l-Isqof Labini wrieh u fissirlu, li jekk dil-ħaġa titwettaq, tista' tiltaqa' ma' ħafna tfixkil min-naħa ta' l-Ordni Gero-

(2) Mss. Bibl. 1118, paġ. 110.
(3) Mss. Bibl. 1118, paġ. 128

solmitan, billi dil-biċċa hi waħda mill-privileġġi tiegħu li jgawdi. U għalkemm dan ilu nieqes mill-Gżira għal aktar minn sentejn, b'daqshekk mhux magħdud, bla ebda ħsieb ta' xejn, li hu tilef u tneżża' mis-setgħat li kellu fuq dil-Gżira. Terġa' l-Gvern Ingliż ma jaqbilx ukoll ma' dil-ħaġa, billi dan f'Malta beda jmexxi politika għalih, u li ma taqbel xejn għal dik ta' Napli, u s-Saltna waħdanija li tista' tiftaħar, bil-ħaqq kollu, li hi biss għandha s-setgħa taħkem fuq il-Gżira.

X'bagħat igħid il-Kardinal Consalvi mhux magħruf. Iżda minn ittra oħra ta' Labini, nistgħu naqbdu sewwa x'kienet it-tweġiba tiegħu.

L-Isqof għarrfu li miż-żewġ ittri tas-16 ta' Diċembru li waslulu, ra li fehem tajjeb meta qal li Malta ma kellhiex tinżamm li hi mal-gżejjer qrib ta' Sqallija, bħalma hekk ried li jgħoddha Mons. Airoldi, Imħallef tas-Saltna msemmija. U fuq li dan ħaseb, xandar l-indult tal-Bolla Kruċjata għal Malta u Għawdex ukoll. Ara kemm. Fl-1801, Mons. Airoldi bagħat il-kummissjoni lill-Arċipriet ta' Għawdex, Dun Saver Cassar, xorta waħda kif għamel fis-sena ta' qabel, meta l-Isqof għadu magħluq fil-Belt, biex jerġa' jxandarha did-darba wkoll. Iżda, billi b'xorti kbira laħqu waslulu l-ittri ta' l-imsemmi Kardinal, ħa ħsieb malajr li jagħmel dak li qallu fihom. U dan inzerta li kien fil-waqt, għax b'hekk ixxandret dik il-Bolla Kruċjata ta' fi żmien l-Ordni, fuq li din ġiet mogħtija mill-Papa għal dawn il-Gżejjer qabel l-oħra li ta lis-Saltna ta' Sqallija.

Barra minn dan, nieħdu wkoll, li l-Kardinal għarrfu, li l-Papa ma qabilx li f'Malta jitwaqqaf it-Tribunal tal-Monarkija ta' Palermu, kif ried u ordna li jsir Mons. Airoldi, li, saħansitra biex jidher għalih, ħatar lill-Arċipriet Cassar.

Labini deherlu li fuq dan ma kellu jqanqal xejn. Biss żamm is-skiet, waqt li għarraf b'kollox lill-Papa bis-Saħħa tal-Kardinal Consalvi, bħalma hekk kien id-dmir tiegħu. U dan għamlu biex ikun jaf kif għandu jimxi f'dak li jista' jnqala', ħalli ma jiġi f'ebda tfixkil ma' dik il-Qorti, billi kellu tassew għal fejn jaħseb, li din riedet iddaħħal u żżomm b'qawwa f'Malta l-imsemmi Tribunal.

Il-Kardinal webbel lill-Isqof u ħajru jressaq għal quddiem il-Gvern Ingliż, dak li Mons. Airoldi kiteb u bagħat lill-Qorti ta' Napli, ħalli bih iwieżen u jsaħħaħ il-jedd li għandu jkollu, biex f'Malta jwaqqaf it-Tribunal tal-Monarkija, fil-waqt li jfissirlu u

jurih kemm dan hu tal-ħaqq u sewwa li jsir. Iżda kemm-il-darba jidhirlu li, għal issa, ma jaqbilx li jindaħal f'dil-biċċa, jista' jinqeda b'xi wieħed mill-Kavalieri li kien hemm fil-Gżira, biex imexxiha dan.

L-Isqof wieġbu, li fil-qagħda li kienet, mhux hu biss ma jagħmel, iżda ħadd ma jista' jitqabbad għal dil-ħaġa u jirnexxi fiha b'wiċċ il-ġid. Għax, maqtugħ barra t-Tribunal tal-Monarkija, lanqas is-setgħat mistħoqqha ta' l-Ordni ma jiswew ta' għajnuna biex jissemmew, fiż-żmien li kien, minħabba x-xorta ta' treġija li miexi biha l-Gvern Ingliż fil-Gżira, bla ma jiġbed fuqu l-mibegħda ta' dan, u bla ma jmur jolqot ukoll dawk l-egħmejjel li ta' sikwit kienu ħerġin f'Malta mill-imsemmi Gvern—ħwejjeġ li ma jaqblu xejn għal kollox lill-Ordni Ġerosolimitan.

Terġa', il-Gvern Ingliż ma jridx jaf bit-Tribunal tal-Monarkija, bħalma flsser sewwa kemm lill-Maltin, kemm ukoll lill-Isqof. Iżda, jekk dil-ħaġa għoġbot lil Labini, dik l-oħra li dan lanqas ma jrid joqgħod u jħalli biex jitwaqqaf it-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta mill-ġdid, ma niżlitlu xejn.

Wara dak li wrejna x'għadda bejn l-Isqof tagħna u l-imsemmi Kardinal, ma nsibu li nibet xejn aktar. Għax Ruma baqgħet tagħraf is-seħħ hawn dik il-Bolla Kruċjata li ħarġet għall-Ordni fl-1795, billi din kellha ddum tiswa għal sitt snin, li jibdew mill-1796. Fuq hekk, fil-bidu ta' l-1801, il-Gran Pirjol ta' San Ġwann Fra Albin Menville (Malti), xandar il-Bolla Kruċjata għal Malta u Għawdex, bħalma kien jagħmel kull sena, fi żmien l-Ordni, waqt li l-oħra ta' Sqallija sefgħet miżmuma b'deħen ta' qima u ħarsen lejn dawk li kellhom dawk il-Gżejjer f'idejhom.

Iżda, fl-aħħar xhur ta' l-1801, nerġgħu naraw il-biċċa mqanqla mill-ġdid, billi Labini, fil-25 ta' Settembru, kiteb ittra lill-Kardinal Consalvi. Fiha għarrfu li, fit-12 ta' Awissu li għadda, bagħat ittra lill-Kardinal Doria, biex jitlob lill-Papa li jagħti l-Indult tal-Bolla Kruċjata għall-1802, b'għajnuna għad-Djoċesi ta' Malta, ladarba l-Pirjol Menville, li kien il-Kummissarju Appostoliku tagħha, miet fix-xahar ta' Mejju, 1801. Għax l-Indult, mogħti fl-1795, spiċċa ż-żmien tas-sitt snin tiegħu. Għalhekk talbu (lil Consalvi), li jindaħal mal-Papa u jaqlagħlu din il-grazzja, biex ma jsibx ruħu mbixkel mill-ġdid, kemm-il-darba jerġgħu jridu jxandru dik ta' Sqallija, fin-nuqqas li f'Malta ma jkunx hawn l-Indult imsemmi.

Labini ssokta jitolbu wkoll, ħalli jaqlagħlu għalih, jew għal xi ħaddieħor, li l-Papa jogħġbu jaħtar għal dina l-Apostolika Kummissjoni, biex il-flus li jinġabru mill-Bolla Kruċjata, jistgħu jingħataw lil dawk l-egħmejjel ta' ħniena li l-aktar jinsabu fi ħtieġa, kif hekk xtaq u ried li jsir il-Gvern Ingliż. Għax id-dħul minnha ma jistgħux jinqdew bih iżjed għat-taqbid ta' mat-Torok, bħalma għamlu fi żmien l-Ordni, kif fissirlu sewwa, sa mis-sena ta' qabel, il-Gvernatur ta' dawn il-Gżejjer.

Terġa', fl-aħħar għarrfu wkoll, li kemm il-Ġeneral Pigot, kemm Cameron, it-tnejn tawh ittri, fejn bihom urewh li ma jridu ebda ndħil, fis-Setgħat tal-Knisja f'Malta, minn Slaten barranin, għajr ta' Ruma, iżda f'dawk il-ħwejjeġ biss li drabijiet oħra kienet tindaħal fihom.

Wara li għaddew erbat ijiem mill-ittra li semmejna, Labini reġa' kiteb oħra lill-Kardinal Consalvi, fejn ħeġġu mill-ġdid ħalli jitlob lill-Papa, biex ifittex jagħti l-Indult tal-Bolla Kruċjata mill-aktar fis, għar-Randan li ġej. U b'hekk jilqgħu għal dak ix-xkiel li jista' jinqala', billi jerġgħu jxandru dik ta' Sqallija, bħalma ġara fl-1800. Jekk l-Isqof Labini kien ħabrieki f'dina l-biċċa, Napli lanqas ma baqgħet rieqda. Għax ir-Re ħa ħsieb jinqeda bl-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma, billi qabbdu jitlob lill-Papa, biex jagħtih li jista' jxandar f'Malta l-Bolla Kruċjata ta' Sqallija. Iżda Ruma wieġbet malajr li, għan-nies ta' dawn il-Gżejjer laħqet bagħtet Brevi ta' Indult ħafif għar-Randan biss ta' l-1802. U dan għamlitu biex wieħed jilqa' għal dak in-nuqqas ta' ikel meħtieġ fil-jiem tas-sawm, li jinsabu fih il-Maltin, ħalli b'hekk isserrħilhom rashom dwar dina l-ħaġa.

Dal-qies ittieħed b'għoġba kbira mill-Papa, minħabba l-qagħda li kienet billi din baqgħet xorta waħda, għax ma tbiddlet xejn minn kif qabel.

Bl-imsemmi Indult li l-Papa ta, ħalla l-ħwejjeġ bħalma kienu. B'hekk deherlu li mexa tajjeb, billi ma għamel l-ebda nuqqas, la lir-Re ta' Sqallija, la lill-Ordni Ġerosolimitana—fejn wera x-xewqa li kellu jfittex jara lil dana lura fil-ħakma ta' Malta —lanqas lill-Gvern Ingliż. Għax il-Papa ma riedx jiġi f'tilwim mal-Ħakma tal-Gżira, ladarba din, b'tifħir kbir, qed tħares il-Knisja Nisranija u tqim is-Setgħat tagħha f'Malta.

Terġa', kien għadu ż-żmien biex wieħed jaqta' u jgħid x'inhuma s-Setgħat li għandha Napli fuq dawn il-Gżejjer. Mhux biss. Imma wkoll wara li dawn jiġu maqtugħa, mhix ħaġa ħafifa

għall-Imħallef tas-Saltna ta' Sqallija li jħaddem xi waħda minnhom hawn, sakemm iddum il-ħakma Ingliża f'Malta.

Fil-bidu ta' l-1803, flok l-Isqof Labini, insibu lill-Gvernatur Ball jikteb lill-Papa, fejn jitolbu jagħti l-Bolla bħal qabel għal Malta, ħalli jistgħu jittieklu l-lattiċini fi żmien ir-Randan u fil-jiem l-oħra tas-Sawm. U dak li jidħol minnha jmur għaż-żamma tal-Gіżra u għal dawk l-Egħmejjel tal-Ħniena li l-aktar ikunu fi ħtieġa, kif jidhirlu l-Gvern.

Iżda l-Papa, għall-1803, reġa' ta dak l-Indult xorta waħda bħal tas-sena ta' qabel (4).

Wara dan, ma sibna xejn aktar dwar il-Bolla Kruċjata, li, bħalma rajna milli għidna, ma' tul din il-kitba tagħna, lill-Ordni Ġerosolmitan għenitu ħafna, bid-dħul minnha, biex seta' jżomm ix-xwieni tiegħu u lin-nies ta' fuqhom għall-aħħar 54 sena ta' Saltnatu f'Malta.

Għalhekk naħsbu, li l-aħħar xandira tal-Bolla Kruċjata f'dawn il-Gżejjer, kienet dik li dehret għall-1801. U li aktarx ġiet stampata fl-Istamperija tal-Gvern.

Meta din spiċċat fix-xejn, flokha beda joħroġ dak l-Indult ħafif ta' kull sena, taħt il-ħsieb ta' l-Isqof, magħruf il-lum fostna bħala l-Ittra Pastorali għar-Randan.

(4) Archivio Storico di Malta, Anno IX, paġ. 85.